

Brussell, 6 ta' Novembru 2023
(OR. en)

8480/06
DCL 1

PECHE 105

DEKLASSIFIKAZZJONI¹

tad-dokument: ST 8480/06 RESTREINT UE/EU RESTRICTED

data: 19 ta' April 2006

status ġdid: Pubbliku

Suġġett: Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill sabiex il-Kummissjoni tkun awtorizzata tinnegozja emendi lill-Ftehim li jstabbilixxi l-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan dwar it-Tonn

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni deklassifikata tad-dokument imsemmi hawn fuq.

It-test ta' dan id-dokument huwa identiku għal dak tal-verżjoni preċedenti.

¹ Dokument deklassifikat mill-Kummissjoni Ewropea fid-29 ta' Settembru 2023.

RESTREINT UE



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 19 ta' April 2006

8480/06

RESTREINT UE

PECHE 105

NOTA TA' TIFSIR

minn-: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data ta' meta waslet: 19 ta' April 2006

lis: Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli

Suġġett: Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill sabiex il-Kummissjoni tkun awtorizzata tinnegozja emendi lill-Ftehim li jstabbilixxi l-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan dwar it-Tonn

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni SEC(2006) 481 finali.

Mehmuż: SEC(2006) 481 finali



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 18.4.2006
SEC(2006) 481 finali

RESTREINT EU

RAKKOMANDAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

sabiex il-Kummissjoni tkun awtorizzata tinnegozja emendi lill-Ftehim li jstabilixxi l-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan dwar it-Tonn

DECLASSIFIED

RAKKOMANDAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

sabiex il-Kummissjoni tkun awtorizzata tinnegozja emendi lill-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan dwar it-Tonn

A. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan dwar it-Tonn (IOTC) hija Organizzazzjoni Reġjonali tas-Sajd stabbilita taħt l-Artikolu XIV tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Din il-Kummissjoni għandha l-mandat li ġġestixxi t-tonn u speċijiet simili bil-għan li tiġi żgurata l-konservazzjoni u l-użu ottimali ta' dawk l-istokkijiet kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim.

Matul is-snin reċenti, sar evidenti li l-istruttura attwali ta' l-Organizzazzjoni li topera taħt l-awspiċi tal-FAO ma tistax tilħaq l-għan ewlieni tagħha tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tat-tonn fl-Oċean Indjan. Din is-sitwazzjoni għandha konsegwenzi drammatiċi fuq l-istokkijiet fir-reġjun.

L-orijini tas-sitwazzjoni hija l-fatt li t-Tajwan, sajjied ewlieni fiż-Żona IOTC li jistad għal aktar minn 40% ta' l-ispeċijiet ewlenin, mhuwiex parti għall-IOTC peress li l-Organizzazzjoni tinsab fi ħdan il-qafas tal-FAO-NU, li fih m'hemm l-ebda rikonoxximent għat-Tajwan.

Wara tliet snin ta' diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni, il-Membri ta' l-IOTC qablu unanimament fil-Laqgħa Annwali ta' l-IOTC 2005, li seħħet fis-Seychelles mit-30 ta' Mejju sat-3 ta' Ġunju 2005, li l-istruttura attwali ta' din il-Kummissjoni ma tippermettix li l-Organizzazzjoni tkun effikaċi.

B'konsegwenza ta' dan, l-IOTC ħadet id-deċiżjoni li torganizza Laqgħa Speċjali fl-2006 sabiex tikkunsidra emenda għall-Ftehim biex jiġi żgurat li l-Organizzazzjoni tista' tilħaq l-għanijiet u topera b'mod aktar effikaċi u effiċjenti, u b'hekk l-IOTC tkun meħtieġa tirtira mill-qafas tal-FAO.

L-emendi previsti ma jgħolqu l-ebda obbligi ġodda fuq il-Membri. Dawn l-emendi sempliċement ineħħu mill-Ftehim id-dispożizzjonijiet preċiżi li jorbtu l-IOTC mal-FAO. L-għan waħdieni huwa l-modifika tar-relazzjoni bejn l-IOTC u l-FAO. B'hekk, f'konformità ma' l-Artikolu XX, paragrafu 4 tal-Ftehim IOTC, m'hemm l-ebda hteġa li l-Ftehim IOTC jiġi ratifikat u l-emendi jidħlu fis-seħħ mid-data ta' l-adozzjoni tagħhom mill-IOTC.

B. RAKKOMANDAZZJONI

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni b'dan tirrakomanda li l-Kunsill:

- Jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ in-negozjati mal-partijiet interessati l-oħra fi ħdan l-IOTC għall-modifika tal-Ftehim u l-istrumenti l-oħra tal-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan dwar it-Tonn;
- Jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex din twettaq in-negozjati, f'konsultazzjoni ma kumitat "ad hoc" stabbilit mill-Kunsill sabiex jgħin f'dan ix-xogħol skond id-direttivi tan-negozjati mehmuża.

DECLASSIFIED

ANNEX

Direttivi tan-Negozjati

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnegozja f'isem il-Komunità Ewropea l-emendi meħtieġa għall-Ftehim u strumenti oħra tal-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan dwar it-Tonn. Dawn l-emendi huma maħsuba sabiex ineħħu mill-Ftehim IOTC id-dispożizzjonijiet li jorbtu l-IOTC mal-FAO.

Se jiżguraw li l-interessi Komunitarji tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim jitħarsu kompletament u, se jikkontribwixxu b'mod effikaċi għall-ksib ta' l-għanijiet tal-Ftehim.

Fi ħdan il-qafas ta' dawn in-negozjati l-Kummissjoni Ewropea taġixxi hekk:

- skond id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Marittimu ta' l-10 ta' Diċembru 1982,
 - f'konformità mal-prinċipji inklużi fil-ftehim ta' l-4 ta' Awwissu 1995, għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Marittimu ta' l-1982 marbuta mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet Migratorji u Stokkijiet li Jpassu Ħafna,
 - tqis il-Kodiċi ta' mgħiba għas-sajd responsabbli u b'mod partikolari l-ftehim tal-FAO sabiex tkun promossa l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali minn bastimenti tas-sajd fl-Ibħra Internazzjonali,
 - f'konsistenza ma' l-għanijiet segwiti mill-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fir-reġjun ta' l-Oċean Indjan.
2. Il-Kummissjoni Ewropea se tiżgura li l-emendi għall-Ftehim IOTC ma joħlqu l-ebda obbligu ġdid għall-Membri.
 3. Il-Kummissjoni għalhekk iżżomm lill-Kunsill infurmat bil-progress tan-negozjati.